MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Numru. 974/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**OMISSIS**
**OMISSIS**
**PAUL MEDINA**
**CHRISTOPHER CARUANA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **Omissis, Omissis, PAUL MEDINA,** iben Joseph Medina u Rita nee' Portelli, imwieled Pieta' nhar l-22 ta' November 1984, residenti gewwa Flat 5, Qasam Tal-Bini tal-Gvern, Binja L, Entratura B, Zabbar, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 3685M u **CHRISTOPHER CARUANA** iben missier mhux maghruf u Mary Caruana, imwieled Pieta' nhar l-24 ta' Novembru

1983, residenti gewwa Hibernia, NSTS, Triq Depiro, Sliema, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita' 589583M gew imressqa quddiemha akkuzati talli nhar l-1 ta' Ottubru 2013 bejn is-sitta u nofs ta' filghodu u s-sebgha u nofs ta' filghodu (06.30a.m – 07.30a.m.), gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Steve Lefevre hekk kif iccertifika Dr. Daniel Varnai M.D. detentur ta' numru tar-registru mediku 3433 gewwa l-Isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; matul il-lejl volontarjament kisru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Lil **OMISSIS** u **OMISSIS** wahedhom talli:

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi impjegaw, haddmu jew ippermettew l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati kemm-il darba dawk is-servizzi ma inghatawx minn agenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati li ghandhom licenza skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

Lil **PAUL MEDINA** u **CHRISOPHER CARUANA** wahedhom talli:

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hadmu bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjani privati jew hekk offrew s-servizzi taghhom, minghajr ma kellhom licenza;

Takkuza lil **OMISSIS** u **CHRISTOPHER CARUANA** wahedhom talli:

5. Irrendew ruhhom recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew misjuba hatja b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta`

Steve Lefevre jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b’ obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ flus li tigi iffisata mill-Qorti u dan ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom dikjarazzjoni ta’ rifjut ta’ Paul Medina u stqarrija tieghu, dikjarazzjoni ta’ rifjut ta’ Christopher Caruana u stqarrija tieghu, erba’ conviction sheets, erba’ atti mill-estratt tat-twelid, kif ukoll zewg dikjarazzjonijiet ta’ rifjut u zewg stqarrijiet tal-imputati omissis.

Semghet lill-imputat Paul Medina jiddikjara li huwa hati ghall-ewwel, it-tieni u r-raba’ akkuza.

Semghet lill-imputat Christopher Caruana jiddikjara li huwa hati ghall-akkuzi kollha.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-tnejn (2) ta’ Ottubru 2013, fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba, li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Illi a bazi ta’ din l-ammissjoni ta’ Paul Medina u Christopher Caruana il-prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju u dan seduta stante nhar it-2 ta’ Ottubru 2013.

Illi in vista tac-cirkostanzi, din il-Qorti laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni u ghaddiet biex taghti sentenza fil-konfront ta' l-imputati odjerni Paul Medina u Christopher Caruana.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fil-konfront ta' Paul Medina u Christopher Caruana.

**Ikkunsidrat:**

Rat illi l-imputat Paul Medina ghandu fedina penali nadifa minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk ghandu jigi trattat daqs li huwa *a first time offender*. Rat li fil-fatt huwa rregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita' moghtija lilu u cioe' waqt il-prezentata u li kkoopera mal-pulizija waqt din l-investigazzjoni tant li l-kaz gie solvut u deciz fi zmien qasir hafna. Illi min naha l-ohra, il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li r-reat li bih l-imputat Medina huwa akkuzat huwa wiehed serju li jisthoqqlu sentenza ta' prigunerija. Illi pero' minhabba r-ragunijiet gja imsemmija thoss li tali piena ghandha tkun sospiza u appuntu ghalhekk sejra taghti sentenza ta' prigenuerija sospiza fil-konfront ta' Paul Medina.

Fir-rigward tal-ko-akkuzat u cioe' Christopher Caruana ghalkemm huwa akkuzat bl-istess reati li gew addebitati lil Paul Medina, l-imputat Caruana huwa wkoll recidiv. Jidher minn ezami tal-fedina penali tieghu li dan l-imputat diga' gie imressaq il-Qorti u akkuzat ta' attentat ta' serq fejn nghata unconditional discharge ghal tlett (3) snin kif ukoll akkuzat talli hadem ta' gwardjan minghajr licenzja u nghata multa ta' hames mitt ewro. B'hekk dan ifisser li l-imputat rega' kiser dufrejh mal-ligi u ma gharafx jisfrutta l-opportunita' moghtija lilu bil-piena antecidenti. Konsegwentement thoss li l-piena li sejra terroga lil dan Caruana ghandha tkun piena karcerarja effettiva.

Il-Qorti thoss li ghandha tghid kelmtejn dwar it-tifsira tal-akkuza ta' recidiva u dan ghaliex il-piena li sejra terroga fil-konfront tal-ko-akkuzat Caruana sejra tkun differenti. Recidiva fil-fatt hija cirkostanza merament personali u ma ghandha ebda referenza ghal kontenut objettiv la tar-reat

precedenti (kif donnha sostniet id-difiza) u lanqas tar-reat attwali (kif fissret il-Prosekuzzjoni).

L-andament fil-piena ghandu rapport biss mal-personalita' tal-hati u jgib r-raguni tieghu fil-persistenza tal-hati fid-delinkwenza.

Fil-fatt r-recidiva hija akkuza u reat per se, separata u distinta minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra taht l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista' jigi liberat minn akkuza ta' recidiva.

Kif gia ntqal, iz-zieda fil-piena ghal fatt l-gdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi haga li tirreferi ghal persuna, u r-recidiv ma jista' jkun hadd izjed hlief persuna partikolari li tkun giet kkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, u taghmel reat iehor. L-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 jitkellmu dwar r-recivida b'mod generali ghal kwalunkwe tip ta' reat u delitt. Hu appuntu minhabba r-recidiva li din il-Qorti qed tordna li l-piena ta' prigunerija fil-konfront ta' Caruana ghandha tkun effettiva.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 49, 50, 216 u 338 (dd) tal-Kapitolu 9, Artikolu 3, Taqsima II tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat PAUL MEDINA hati tal-akkuzi kollha u tikkundannah seba' xhur prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u multa ta' hames mitt Ewro (€500), u ssib lill-imputat CHRISTOPHER CARUANA hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuzi u tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija effettivi u multa ta' hames mitt Ewro (€500).**

**Il-Qorti tordna li, ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------